IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Apostolat tat-Talb.* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea(str.Cristoforu,numru 174),

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IL ĦAMIS, 25 TA APRIL, 1912. NRU. 12.

*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

# L'Emigrazzjoni.

L'Avucat Mizzi u il Professur Manchè, it-tnejn patriotti, it-tnejn galantomi mil cbar, it-tnejn ħbieb għeżież tagħna, sejjrin jitŭalu ftit fuk il biċċa tal Emigrazzjoni: aħna nitolbuhom jiftacru li il *Habib* jgħożż ŭisk il ŭisa, għax fiċ-ċocon tiegħu irid chiecu jakdi il cull-ħadd. Imma illum imiss lill'Avucat Mizzi li iŭiegeb lit-Tabib Manchè: u aħna ma nistgħux, għall gid u għad-daŭl tal Poplu, ma nilkgħuħx,bħalma ma 'ncunux nistgħu ma nilkgħux it-Tabib Manchè, jecc b'li stess ħsieb ta gid u ta daŭl, jarġa iŭieġbu. Nitolbuhom it-tnejn jaktgħu fil kasir chemm jistgħu: iżda ma nissugraŭx ngħidulhom ma jisħnux,għax kiegħdin nagħmluha ma żeŭġ Chittieba li jafu ŭisk actar minn'na id-dmir taħħom u li it-tnejn jagħmlu onur lill gażetta tagħna.

Mill Belt, 22 ta April 1912.

Għażiż Sur Muscat-Azzopardi,

Fil harġa tal *Habib* No. 11 tal 18 talli ahna fieh, is-Sur Tabib Manchè raġa tchellem fuk l'Emigrazioni tal bdieua Maltin għal Brazil; u, uara li semma l'ittra li cont ctibt fuk dan li stess ġurnal tant imxerred, kal li il Cumitat *katt ma biddel uiċċhu u ankas ma chien imferfex f'għamilhu.* Hallina mill *għaġla*, li semma li għandhom jatu lill haddiema fil għacs li fieh jinsabu il lum, *għaġla* li tixbaħ il proverbiu : "kattusa *għaġ-ġelija* icollha frieħ għomja" u narau ftit jecc il Cumitat biddilx uiċċhu u huejjeġ oħra li forsi jistgħu jifthu għajnejn ta min m'hux imħarreġ bizzejjed fl'emigrazioni li il gvernijiet tad-dinja għadhom jistudiauha sal giurnata imkaddsa tal lum. Il Cumitat, m'hux biss biddel uiċċhu, iżda fit-tferfix tighu, bala culma chien kal. Xiehda ta dan ghad hemm mictuba u stampata l'ittra tat-Tabib Carlu Mattej fis 26 ta Auissu 1911 u dan it-Tabib *bħala Sġritariu* tal Cumitat ta l'Emigrazioni, hecc mar ipingi il Brazil, uara li il conslu ingliż ta hemm uieġbhu għal mistoksijet tighu: a) *l'aria tal Brazil ma hijex tajba għan-nies ta razza bajda* (bhalma ahna il maltin, li ma ahniex africani);

6) li skallin u taljani marru bi ħsieb, u sabu jehor, għax mardu u ma chienux miġjubin tajjeb; li il Gvern Talian, b'ligi, ma halla il hadd mis-sudditi tighu imorru fil Brażil;

c) li sjed l'oksma, li mahhom jaħdem il bidui, iħallsu bil carta, li minnha jitilfu hafna, meta isarrfuha;

d) li il maltin ma jistgħux icunu mgħejjunin mill Conslijet Inglisi għax bgħid minnhom eluf ta mili, u illum nistgħu inzidu ħhalma tarrfilna il Cumitat stess ta l'Emigrazioni, illi il Gvern tagħna ma JAGHMILX TAJJEB, biex IRAĠĠA LURA, spejjes tighu, il dauc collha li mil Brażil, jecc *jintakgħu ma għauġ*, icunu IRIDU JERĠGHU JIĠU F'MALTA.

Il Professur Manchè, kal li il Cumitat ma biddilx uiċċhu u bala cul ma kal, jeu għax nesa il littra ta Mattej, jeu għax dac izzmien chien għadu barra mil Cumitat. Mita, il Professur Manchè jakra dic l'ittra, bhala raġel onest li hu, igħidilna jecc il Cumitat biddilx uiċċhu.

It-Tabib Manchè, kal li jena haddtha contra l'emigrazioni. Chemm jistgħaġeb, mela, meta ngħidlu li jena haddtha contra l'emigrazioni bil kaddis mal Cumitat stess u li il provi u id-documenti li jena xandart, chienu lilhi mogħtija mis-sur Neg. Uenzu Falzon uieħed mix-Xirca ta l'Emigrazioni?

Illum il Cumitat, *bla ma igħid il għala*, biddel fehemthu, hassar culma chien għamel kabel, l'isued għalieh sar abjad, u *għaliex* ma igħidx !!! Dan seuua scond ma jif hem it-Tabib Manchè? Il Cumitat, li fieh hemm illum it-Tabib Manchè, igħid li ma iridx iuieġeb lil gazzetti,għaliex xi nies li marru bil familj tagħhom fil Brazil, marru għal prova!

Dina, Sur Dottur, hoxna iz-zejjed! M'hux veru li hia prova, għax il familj tal bdieua tagħna għadhom sejjrin, għalchemm b'għadd zgħeir, għax bosta minnhom fethu għajnejhom u ma iridux *jitilfu ruħhom u gildhom.*

U, imbagħad, il *prova* għandha issir fuk il familji tal campanjol tagħna, fil hin li il familji ta li skallin già ipprovau u sabu li il Brazil ma jakbilx għalihom? Jecc il Cumitat ried jipprova, chien imissu jibgħat uieħed jeu tnejn minnhom, imkar a spejjes tal caxxa ta Malta, imorru passiġġata.... il Brazil: u jarau b'għajnejhom seu dac li kalu il conslijet inglisi u taljani contra il Brazil: igifieri li hemm id-deni ta l'ilma kiegħed, il gidri, mard l'għainein, hlas bil carta, u migiubin il haddiema hazin minn sjedhom, hux veru jeu le. Il cbir Alla halak il bniedem tasseu biex ibati, uara li dineb, imma katt biex jippruvau fuku haġa li tista tgħamillu hsara li ma jistax iseuuiha!!!

Meta semmejt li Campinas hu post hazin għall'aria u għal mard li jinsab fiha, jena xejn ma klajt minn żniedi; izda semmejt dac li kalu rapporti taljani u inglisi; igifieri: li min jaħdem irraba ma dauc is-sidijet (*Fazendeiros*) ma jigix imhallas, għax icunu imdejnin sa għildhom u ma jistgħux johorġu ta rġiel mal haddiema, ankas jecc iridu.

Il Professur Manchè semma il NEREU PASTANA! Min hu dan Pastana biex temmnuh? Xi lhudi li jobgħod l'insara, biex izied ibatu bgħid minn pajjishom? Xi impiegat mal Gvern Brazilian li għandu tant ir-ras li jidhlu fil pajjiż, bħalma għandhom xi cumpanniji tal vapuri? Għaliex it-Tabib Manchè ma igħidx min hu tas-seu Pastana, fein ippubblica dac li chiteb u b'ordni ta min, biex icun emmnut jeu, fli stess hin, imgħiddeb?

Natu cas, haġa li ma hijex scond ir-rapporti—li Campinas hia art għammiela, bħalma isemmi dan Pastana li hadd ma jafu; hua veru jeu lè li sidijet l'oksma tar-raba, ma iħallsux il haddiema għax imdejnin?

Campinas ma hijex għammiela u l'euuel darba li ctibt f'dan il giurnal, għedt għaliex min fuk rapporti ta nies tal Gvern. Li chiecu il Brażil chien fieh dac li semma Pastana, għad li il Professur Manchè jehdu bhal Vangelu, chiecu il Giappuuisi, nies imdorrija uisk agħar mil Maltin, ma chienux jaharbu minnu għax giuh biss sabu kuddiem uiċċhom u azzionijet hziena minn għand min haddimhom. Jecc m'hux hecc, jipprova it-Tabib Manchè b'documenti ufficiali u m'hux bil cliem ta min jakbillu igħid xort'oħra, għax imkabbad forsi mil Gvern tal Brazil li igħid hecc....

Jena ma ngħidx li min isiefer minn pajjishu għal art oħra hecc fil bgħid, għandu isib sodda b'ir-rix ahiar minn tas-sûf li chellu f'daru. Izda jecc jintaka mat-tbatija għandu icun imħallas tajjeb, ittrattat tajjeb, u stmat bħal bniedem u m'hux imsoffi sal ahhar katra demm ta gismu, mifluġ bix-xogħol u bit-tbatija u bla sold fil but, biex icun jista jehles mill'infern li icun jinsab fieh mixui min collimchien.... già la darba il Gvern ta Malta già kallu ciar u tond li *ma għandux igibu lura mil Brazil a spejjes tal Caxxa....*

Issa, scont ma chiteb Coletti, inginjer mibgħut fil Brazil mil Gvern Taljan biex jistudia fuk l'Emigrazioni u itarraflu dac li rà, li għamel u li studia, u precisament f'*San Paolo* fein kegħdin imorru il maltin, insibu dan, li il Professur Manchè, bħala patriott u bħala bniedem tar-ruħ li hu, għandu jara hux veru jeu lè, kabel ma icompli igħerrex barra minn Malta hafna campanjoli li jemmnu, jahasra, collox b'għajnejhom mgħaluka. Dan l'inginier Coletti igħid:

Familja ta sebgha, haddiema collha, li jahdmu bla serħ, ma tulec ja sena ma jistghux ifaddlu ħliet 150 franc (sitt liri inglisi) ankas lira ir-ras, u dan it-tfaddil ta sitt liri bejn sebgha min-nies isir chemm il darba f'din il familja ma jinkalax ma tul is-sena mard, ma jeħlux flus, bhal piena li iuaħħalhom min iħaddimhom (u billi dan icun imdejjen, jissucciedi spiss), jecc sidijethom icunu pagaturi (ħallasa) u chemm il darba l'annata tcun tajba u ma tigix bil ghauċ.

Ma jidhirlecx, Sur Duttur, li din *xorti cbira*, jecc il Maltin jintakghu maghha?!....
Jeu, aħiar, infern li ma icunux jistghu jeħelsu minnu, ghax flus biex jarġghu lura ghal Malta ma icollomx?!

Uara dan collu, Sur Direttur tal *Habib*, jidhirlec li hia haġa xierka li, biex taghmel *prova*, tibghat tant familji tal bdieua f'intern ta pajjis fein ma hemmx cnejjes, (già s'intendi, barra mil belt ta *San Paul*) schejjel, sptarijet u ankas kassisin maltin li icunu jistghu ighinuhom fil bżonnijet tal hajja, u f'dauc iżied meħtieġha, tal meut?

Dan jissejjaħ taghmel li tista biex taghmel salvaggi nies li minn zmien tuil chienu u ghadhom civili f'pajjishom.

Imbaghad, il prova issir uara xahrejn? U ankas f'sentejn, fil ħin li nies imsemmija ghadhom sallum jistudiau l'emigrazioni!!....

Ghoddni dejjem, Sur Muscat Azzopardi, habibec il ghażiż

Dott: Gius: Mizzi.

Din id-darba, l' Avucat Mizzi baghatilna l'ittra mictuba bil Malti mill'eûûel: u ghal hecc aħna ħallejniha bl'*ortografija* tieghu.

Id-Direzzjoni.

## TAĦDITA SABIĦA

*(Dan ġara tas-seŭ, f'ŭieħed mil ħdud tar-Randan li ghadda.)*

Huma tnejn—ħbieb tal kalb, li, cull nhar ta ħadd, fil-ghodu cmieni, iħobbu jiltakghu flimchien: u, ŭara li jisimghu il Kuddiesa, jidħlu jixorbu xi ħaġa f'ħanut u imorru jaghmlu daŭra il-barra. Draŭŭa li ma tokros il ħadd u tajjba ghar-ruħ u ghall gisem.

—Illum ghamel iżjed il ħin: tħossha?: ix-xemx saħnet....

—Ghax tlifna iż-żmien ma dac li chellimna aħna u ħiergin mil Cnisja....

—Mela! Ghax il Kassis donnu ŭeħel mal Artal! Dac min hu? Chemm idum ikaddes!

—Dac Kassis mill'aħjar: ragel tajjeb daks il ħobż: Dun......

—Collox seŭŭa: jecc in hu tajjeb, it-tajjeb isib: imma bil Latin, ghandu icun, ma jinkalax sa barra....

—X'inti toħlom da'l ghodu! Dac Professur u ghamel priedchi bit-Taljan daks chemm ghandu xaghar f'rasu!

—Tas-seŭ?!

—Mela, biċ-ċajt! U, ghad li ma nifhimhomx, rajt bosta drabi *Sunetti* bil Latin b'ismu taħthom ...

—Jena, biex nghidha chif inħossha, cont ghamiltu minn ta ŭara id-delu!

—Dan ghaliex? Ghax idum ikaddes?....

—X'ŭaħda din: chemm hu tkil! Biex jaghmel *genuflissjoni*, jinżel bil-kajla u imiss ircopptu mal art....biex irodd tliet slaleb fuk l'Ostja, donnha ħierġa ruħu mil ponot ta subghajħ....biex ikankal nitfa il Calci, taħsbu sejjer jarfa' kantar bejn idejħ.... inti taf li gibed 23 minuta?....

—Ma 'nduŭajtx, ghax jen, min ikaddes sabiħ hecc, isaħħarni.... il ħin ma naraħx ghaddejj....

—Mela, mhux bħali, ghax jen ħriġt l'arloġġ xi tliet darbiet jeŭ erbgha.

—Ma dan collu, 23 minuta m'humiex ŭisk.

—M'humiex ŭisk? Jen giè li smajt il Kuddiesa chemm takleb il qŭarta.

—Billi! Naf li ŭieħed jista' icun actar ħafif mill' ieħor, seŭŭa fil kari tal Missal u seŭŭa fiċ-Cerimoni tal Kuddiesa! Jeŭ li ŭieħed icun jaf il cliem actar bl'amment u ghal-hecc ighaġġel iżjed! Jeŭ li haŭn min jissogra ma iħarisx lejn il ctieb u haŭn min ma jissograx, ghax jiscrupla....F'collox issib xi ŭieħed actar tkil minnu in-nifsu fil ghamil tieghu!Imma, narġa nghidlec, 23 minuta m'humiex ŭisk.

—Allura, daŭc li ikaddsu f'19 il minuta, u fi 18, u f'16 ucoll, chif jaghmlu?....

—Jiġru ŭisk! Ma nistax nghidlec ħaġ'oħra! Inti ara x'ghandec taghmel: haŭn il Kuddiesa bil Malti, chelma b'chelma chif ighid il Kassis: ħu tal *Mejjtin*, li hi l'iksar ŭaħda—akraha u arġa' akraha—itghallimha bl'amment chemm trid inti—natic żmien chemm titlob, imkàr ghaxar snin—u, imbaghd, ghidli ghandecx ħila ittemmha f'inkas minn 20 minuta....

—Issa kieghed tħaŭŭadli rasi! Tal *Mejjtin*, giè li smajtha fi qŭarta bl'arloġġ!

—Ma nafx! Akra jeŭ ghid bl'amment il Kuddiesa (imma, biex niftehmu seŭŭa, jaħtieġ takra jeŭ tghid bil kima u id-devozzjoni li jitlob dac il cliem ghażiż): u inti tara li tieħu 20 minuta ... jecc mhux actar!

—Tas-seŭ?....

—Ghax, ma dan collu, tal *Mejjtin* inchella tal *Ħadd*, li actarx tcun mill' itŭal, il Kuddiesa mis-*Santu* sat-*Tkarbin* dejjem xorta ŭaħda: u min *ma iħaffefx ŭisk hemm*, il 20 minuta icollu jakbiżhom. Fhimtni?....

—Fhimtec! Mela, chif tghid inti, bejn ŭieħed ighaġġel u dac ta da'l ghodu, l'akŭa differenza ta tliet minuti!

—Tliet minuti! U nibża' li ma jilħkux tlieta! Imm' aħna naraŭhom tŭal, u niddejjku, u inghemgmu, u chemm-chemm ma nitħajjrux noħorġu malli jati il Barca.

—Dan minnu! Iżda, mita tara Kuddiesa li ħarget ŭara tieghec kieghda tispiċċa kabel, donnhom jatuc ix-xŭiec!

—Ma ghandecx taħsibha bħall boloħ! Mela, il Kuddies tiġrija! U, imbaghd, chemm ghedna li tista' tcun id-differenza bejn Kuddiesa u oħra?....

—Iva, naf: ħaġa żghira!

—U, tarġa, bejn żeŭġ Kassisin li ikaddsu bil ġabra u bil kima li jitlob dac is-Sacrificcju 'Mkaddes, id-differenza inkas tista' tcun ta actar minn żeŭġ minuti!

—Inħossoc ghaġġibtni! Imma niżżic-ħajr, ghax tas-seŭ li ftaħtli ghajnejja u farraġtni bi cliemec! Trid naghmlu ħaġa sabiħa?....

—Jakaŭ?....

—Ara, chelma ŭara l'oħra, ŭasalna il-Ħamrun: x'ħin jaghmel seŭŭa l'arloġġ tieghec?....

—It-tmienja nieksin ħames minuti.

—Tajjeb: nilħkuha fil ŭisa: trid nidħlu nisimghu Kuddiesa oħra.

—Bil kalb collha ...

—Jena naħliflec fuk ruħi il ghażiża li nixtiek insibu Kassis minn daŭc li idumu ikaddsu 23 minuta.

A. M. G.

Mil Lucerna tal Ħajja— 5. Ghad jigi Gesù Cristu fil cobor tieghu u jati lil cull ŭieħed scond il ghamil tieghu.

## Ma dûar il Gzira

—Fil 5 ta mejju, ŭara nofs in-nhar (icun il Ħadd), fil pjazza ta Raħal ġdid, fejn jekaf it-tram seŭŭa, issir *Fiera*, jigifieri bejħ ta cull xorta ta ħuejjeġ: u il klieħ taħha imur ghan-nefka tal festa tal Kalb imkaddsa ta Gesù, li hi it-Titular ta dic il Parroċċa. Icun hemm ucoll żeŭġ baned: *San Giorġ* ta Bormla u *G. M. A. De Paula* ta dac li stess Raħal. Naħsbu li tcun ħaġa sabiħa u li ghaliha imorru bosta nies.

—Dnub li is-*Sunett* ta A. Vassallo lill *San Giusepp* ŭaslilna tard, mita conna diġa stampajna poeżija oħra: li ma chienx hecc, conna 'ngibuħ bil kalb collha, ghax ghoġobna ferm.

—Ŭaslulna ucoll żeŭġ articli, ŭieħed fuk il festa ta San Publju u ieħor fuk il festa ta San Giorġ: imma icollna 'nħalluhom barra ittnejn, ghax tŭal ŭisk ghalina, li ma 'nħobbux nimleŭ il *Habib* bit-tifħir tal festi.

—Il Pittur Peppinu Calì, li il pinzell tieghu ma jafx x'jigifieri kaghad, żejjen il Parroċċa tal Furiana b'xoghol tieghu mit-tajjbin: Cristu imsallab, bil Madonna u San Ġŭann fuk il lemin, bil Madalena fuk ix-xellug u b'ħafna Anġli ma dŭaru, fl'ajru. Sabieħ il ħsieb li biħ tkassam ix-xoghol, sbieħ id-disinn u il kaghdiet, u isbaħ minn collox it-tiżŭik tal leŭnijet, b'daŭc l'uċuħ di donnhom sejjrin icheflmuc u b'dac it-ticmix tal ħuejjeġ li taħsbu kieghed jitħarrec! Ma xbajniex inħarsa lejn il Madonna, b'dic il chisra ta ghajnejn u b'dic il ħasra ta ŭiċċ, ŭiekfa hemm, taħt Binha 'msallab, donnha, mirbuħa mil ghali, sejjra taka ŭaranijet, fi ħdan San Ġŭan; u lejn dan il *Maħbub ta Gesù* b'idejħ miftuħa ŭara dahar Marija u bil ħbub ta ghajnejħ maklubin fuk li Mghallem tieghu, bħal ruħu maksuma bejn il moghdrija *Ghaliħ* u il kima *Ghaliha*. Imma, fuk collox, issaħħarna ŭara il Madalena, b'dac il loghob tad-daŭl fuk l'isfar ta xagharha u ta ħuejjġha u b'dic ix-xeħta bil-kieghda fuk xifer blat, bl' indiema ta dnubietha fuk ghajnejha u fuk xuftejha. L'Anġli, 'mbaghd, ma nghidu xejn ghalihom: mita Calì ipingi Anġlu, jaħtieġ ineħħilu il cappell cull-ħadd — u m'aħniex nghidu ghall Pitturi ta Malta biss. Ma nafux min hu il Procuratur ta dic il Cappella: iżda, hu min hu, nifirħulu b'kalbna collha: u mieghu nifirħu lin-nies tal Furiana ilcol chemm huma, ghax ghandhom biex jiftaħru. Hecc imisshom jintefku il flus li jinġabru ghall Cnejjes!

—Il Cażin tax-*Xirca bejn il ħaddiema ghall ghajnuna ta xulxin*, li ħabbarna drabijiet oħra u gibna ir-Regulamenti tieghu, jinfetaħ ghall ħabta ta nofs mejju. Il *Palazz Caraffa* gejj imkassam sabiħ ŭisk: u intom taraŭ li il *Cażin tal Poplu* ma icun jaghmillu ghajb ebda ŭieħed minn tal Belt, f'dic li hi sustanza. Jinfetaħ b'festa, li tibda bil barca tal Iskof u b'innu mictub ghal t'apposta mis-Sur Mast Vassall, fuk poeżija tal Professur Dun Carm Psaila. Isiru żeŭġ discorsi: ŭieħed bit-Taljan mil President tal Cumitat, il Commendatur Lanzun; u ieħor bil Malti, mid Direttur tal *Habib*. Imbaghd, jiżżanżnu iċ-Cinematografu, it-Teatrin, il Biljard u moghdijet taż-żmien oħra, colla xierka u tajjbin, collha ghall gid tan-nies tas-snajja u tal ħaddiema, li maħħom, biex jaghmlulhom il kalb, jitħalltu l'aħjar nies tal Belt, sa Monsinjuri u Imħallfin.

—Chellna 'nħallu ghal darb'oħra, 'mħabba in-nukkas tal ŭisa, mhux biss dac li chitbilna is-Sur Tancredi Borġ fuk is-Sinjurina Bice Vassallo, imma ucoll l'aħħar ittra tal Professur Manchè fuk il Progett (sabiħ tasseŭ) tas-Sinjuri Żammit u Curmi ghall

Canadà u GHAL MIN MA JEMMINX, ħsieb gholi tan-Nutar Micallef De Caru. Pacenzja!

—Nifirħu lir-Reverendu Dun Fons Agius, D.D. B.A., li giè maghmul *Camrier Segriet tal Papa*, bit-titlu ta *Monsinjur*. Minghajr xejn dubju, cull-ħadd jifraħ maghna b'din l'aħbar, ghax Monsinjur Agius, ghad li ghadu żaghżuħ, hu ŭieħed mill' aħjar Sacerdoti ghall gherf, ghat-tieba u ghall ħrara fil Kasam ta Cristu.

## Ma dûar id-dinja.

—It-tnejn tal gimgha li ghaddiet, xniegha ħarget li il vapur franciż *Carthage* chien gherek fil Golf ta Ljun. Il bxara ma chienitx seŭŭa; iżda chien vapur ieħor, ingliż, it-*Titanic* tal *White Star*. Dana chien l'acbar fost il vapuri collha tad-dinja, u fuku chienet tinsab żina li ma bħalha, saħansitra chellu it-teatru u vasca cbira ghal ghaŭm: mil cmamar tal irkad ghal fuk il cverta cont titla bil *lift*.—Fil 10 tax-xahar ħalla Southampton ghall'eŭŭel darba ghall New York.—Is-sibt, 13, fil ghaxra u nofs ta billejl, meta ħafna mil passeggieri chienu niżlu jorkdu, u oħrajn ighaddu iż-żmien mal ħbieb, isibu ruħhom kuddiem muntanja tas-silġ, li chienet miexja mal current, maħħa jaħbtu b'kaŭŭa cbira. — Il vapur infetaħ u l'ilma beda dieħel glieghel. Il Captan mill'eŭŭel ra li ma chienx hemm tama ta salvazzjoni, ghaldakstant ordna li bla telf ta żmien in-nisa u tfal icunu imniżżla fid-dghajjes.—Hecc sar.—F'li stess ŭakt il Captan bit-telegrafu minghajr fili talab ghajnuna lill vapuri, li forsi chienu jinsabu ma daŭc id-dûar; iżda l'ekreb ŭieħed, il *Carpatia*, chien boghod 170 mil u il *Virginian* 200 mil.—It-*Titanic* ghas-saghtejn u nofs ftit-ftit gherek u mieghu niżlu il Captan u 1634 ruħ, fil ŭakt li il banda, fil poppa, chienet iddokk cant ll'Alla.—Meta ŭasal il *Carpatia* ma satax jiġbor ħlief daŭc li chienu niżlu fuk id-dghajjes, jigifieri xi 750 ruħ.—Fost il mitlufin chien jinsab is-Sur W. Butt, li chellu ittra *autografa* tal Papa (jigifieri *mictuba mn'idejħ stess*) ghall Taft, il President ta li Stati Uniti (America). Ibda mis-Slaten taghna, cull-imchien kieghdin jingabru eluf u eluf ta liri ghan-nies tal imgharrkin.

—Vapur ieħor *Earl Grey*, b'200 passeggier fuku, mar fuk l'art, fit-18 tax-xahar, fejn Mahome.—Ii Gvern tal Canadà baghat bil ġri vapur ghall ghajnuna; iżda ghadna xejn ma naħu x'ġara mil passeggieri.

L.M.C.G.

## Tifsir ta' xi Cliem Malti.

*Hafna.* Din il chelma ħierġa mil-verb *ħafen, jaħfen, taħfen*, u tfisser (1) kabda bl-id, (2) mimli id (3) il maklub ta ftit, ghax ħafna ŭaħda fiha l-actar li jista' ŭieħed *jaħfen* b'idu f'darba.

*Nitfa.* Din il chelma ħierġa mil-verb *nakar, jonkor, tonkor*, u tfisser (1) dakka li l-ghasfur jati b'*munkaru* biex jarfa' xi ħaġa (2) chemm jarfa' f'darba b'*munkaru*, u ghalhecc (3) ftit.

*Issa.* Din hi chelma mkassra mil-chelma gharbija *is-sâgha* (is-siegha) li tinghad floc *f'edi is-sâgha* (f'din is-siegha), bħalma aħna nghidu *is-sena, il-lejla* floc *f'din issena, f'din il-lejla.* Bħal daŭn ghandna ŭcoll *illum*, li aħna nghiduha floch *il-jum* imkassra minn *f'dan il-jum.*

*Pitghada.* Chelma mħassra mil chelma gharbija *baghad ghada*, li fisser *ŭara ghada*, chif *pitghada* hi tasseu. Il chelma gharbija *bághad* (ŭara) insibuha ucoll fil maltija *nbaghad.*

*Ellul.* (cunjom) mil-chelma lhudija *el-ul* li tfisser *l-eŭŭel, ir-rajjes, is-sultan*, u il-Lhud chienu jatu l-isem ta *el ul* lil *l-eŭŭel* xahar tas-sena taghhom. L-aggettiv *el-ul* ghandu il femminil tieghu *el-ula*, li fil malti jidħol mal-chelma mislufa mil-gharbi, *el-báraħat el-ula*, mkassra minna *f'il-bieraħt l-ula*, chelma li xejn ma tingieb mal grammatica maltija, ghax ŭaħda: femminil ta' l-aggettiv *eŭŭel* aħna ma ghandniex, u l-oħra: il chelma *il-bieraħ* taghna hi maschil, ŭakt li fil chelma *el-báraħat el-lula* hi femminil (*el-báraħa* jeŭ chif jicteb chiecu l-gharabi *el-báraħah*): hemm tixhed l-ittra *t* ta' *báraħat*, li l-gharab isejħulha *T marbuta* u li fil malti nsibuha f'chelmiet bħal *sènghet in-nies, lejlet il festa, kàsbet sieki, xirchet il-kaddisin*, fejn *sènghet, kàsbet, lèjlet, xirchet*, jecc inħollu minnhom l-ittra *t*, isiru *sengha, kasba, lejla, xirca*, jeŭ la gharbija, *sènghah, kasbah, lèjlah, xìrcah*, collha femminili.

*Eŭl.* Chelma mkassra mil chelma *eŭŭel* (bidu) u tidher (1) fil chelma *minn eŭl iddinja* li tfisser *minn l-eŭŭel tad-dinja, minn bidu d-dinja*; u ghalhecc *ħaġa minn eŭl iddinja* tfisser *ħaġa ċara, ħaġa f-locha*: (2) fil chelma *eŭl il-lejl*, li nghiduha f'loc *f'eŭl il lejl*, jigifieri *f'bidu l-lejl, fl-eŭŭel ħin tal-lejl;* (3) fil chelma *l-eŭl iemes*, jigifieri *l-eŭŭel bieraħ* (*iemes* jeŭ chif ighid il-gharbi *âms* tfisser *bieraħ*) u *l-eŭŭel bieraħ* jigi dac li nghidulu *il-bieraħt l-ula.*

*L-eŭl iemes* u *il-bieraħt l-ula* huma ghalhècc ħaġa ŭaħda: it-tnejn ifissru il jum ta' kabel il-bieraħ:biss l-eŭŭel ŭaħda ggib l-aggettiv *eŭl* (li jfisser *eŭŭel*) kàbel, seŭŭa seŭ chif irid il-malti, u it-tieni ŭaħda ggib l-aggettiv *ula* (li jfisser ucoll *eŭŭel*) fl-aħħar, chif irid il gharbi. Ta' l-eŭŭel *(eŭl)*, maschil: ta' l-aħħar *(ula)*, femminil.

*Gham n-neŭŭel.* Chelma mislufa milgharbi, tfisser *is-sena l-oħra* (*gham* tfisser *sena*) u hi mħassra minn *gham l-eŭŭel.* F'din il-chelma hemm l-istess ħaġa li hemm filchelma *il bieraħt l-ula*; ghax it-tnejn igibu li-stess aggettiv fl-aħħar: biss f'ŭaħda, maschil (eŭŭel) u fl-oħra, la gharbija, femminil (*ula*). Li l-gharbi floc *bàraħa* (femminil) chien ighid *bâraħ* (maschil), chiecu floc *il-bieraħt l ula* chien icollna *il bieraħ l-eŭŭel* bħal ma ghandna *gham l-eŭŭel.*

Il-chelma *l-eŭl iemes* (l eŭŭel iemes) tfehimna li hemm ucoll *it-tieni iemes*, jigifieri *ittieni bieraħ.* Dan hu dac li l-gharab ighidulu *âms, el-âms, bel âms*, u aħna nghidulu *ilbieraħ* bla xejn kabel il chelma, bħal ma nghidu *is-sena, il lejla* floc *f'din is-sena f'din il-lejla.* Il chelmiet *l-eŭl iemes, ilbieraħt l-ula* u *gham n-neŭŭel* jieħdu mela l aggettiv *eŭl, ula, eŭŭel* ghax huma l-eŭŭel jum jeŭ sena li jcunu ŭaslu u ghaddeŭ minn l-aħħar jumejn jeŭ sentejn.

G. VASSALLO.

## Il Biedja.

APRIL.

*Xoghol tal bdieŭa.*

Fir-raba baghli :

Jinżara—il koton, il ġolġlien, id-dolliħ, il bittiħ, il kamħ-ir-rum, il cromb tal gidra, il banja, il bużbiez.

Jinżabar—il koton.

Jinkata—il bużbież.

Tinħasad — is-silla ghan-niexef. — Is-silla maħsuda titħalla tinxef fl'art, cull tant tittkalleb, meta tinxef tirtabat kattiet u tinbina ħalel fuk l'art, jeŭ fuk il bjut.

Tinkata—is-silla, il ŭidna, il ful.

Tinkala—il patata.

Fir-raba sakŭi :

Jinżara—il kara aħmar, il cromb pastard, il bżar aħmar.

Jitgharras—il ħabak, il kara tŭil.

Jinkalghu—ir-rjus tat-teŭm.

Jinġeżżu in-nghaġ, u ftit ŭara jithejjeŭ ghall ghalla.

In-naħal jibda jaħseb biex jofroħ.

PROVERBJI:

Mita in-naħal taraħ fuk il fjur,
Taħsir ma icunhemmx sgur.
Mita ix-xita taghmel bicri
u tibka sal imŭaħħar,
icollu x'jitma il bidŭi
u x'jaħzen sal aħħar. W.

## TŬISSIJET FUK IS-SAHHA

(*Jissocta fuk it-*TRABI)

Ŭaħda mit-tŭissijet li tinħtieġ ŭisk hia li mit-tŭelid sa chemm jicbru aghmlu lill'uliedcom collox bil ħin. Jinħaslu bil ħin, jerdghu bil ħin, joħorġu bil ħin, u jorkdu bil ħin.

Nistħajjel min jistaksini: U dan chif jista icun? It-trabi u it-tfal żghar chif tista tfehemhom? Meta iridu, iridu. Le, m' hux hecc.—Hemm ir-rimedju ghal collox.—Iddraŭŭa hi it-tieni natura, ighid il proverbju.—Ghal-hecc darruhom mill'eŭŭel ġranet ta ħajjthom, illi jerdghu cull saghtejn mal jum u cull tlieta mal-lejl; aħsluhom u rakkduhom dejjem f'ħin ŭieħed,naddfuhom malli icollhom bżonn, oħorġuhom daŭc is-saghtejn mal ghodŭa, u daks hecc ieħor ŭara nofs in-nhar, u rakkduhom dejjem fl' istess ħin; biex iġgibulhom in-nghas la tbennuhomx u iżżeghluhomx, imma żommuhom fi ħdancom; jeŭ midduhom f'soddithom, fuk il genb u mhux ŭiċċhom il fuk jeŭ l'isfel.—Katt tkajjmuhom biex treddghuhom jeŭ titimghuhom, ghax meta icollhom bżonn jixorbu jeŭ jieclu ŭieħedhom ikumu u jurucom x'iridu.It-trabi u it-tfal żghar ghandhom bżonn jorkdu actar mil cbar, ghaldakshecc rakkduhom cmieni f'soddithom u katt fissodda t'ommhom. Is-sodda tat-tarbija ma ghandhiex tcun ratba ŭisk, u ghalhecc imtieraħ u imħaddet tar-rix ma ighoddux ghat-trabi u ghat-tfal. Il ghata ghandu icun biż-żejed biex iżommhom sħan, imma ma ghandux icun tkil u goff. Il camra tar-rkad ghandha tcun b'nofs daŭl, u ras is-sodda in-naħa mnejn hu gej id-daŭl, sabiex iddaŭl tax-xemx jeŭ tal-lampa ma jigix f'ghajnejn it-tarbija. Ghandha ucoll tcun camra qŭieta, bla ħsejjes, ghax it-trabi jinkatghu mix-xejn, u dan jaghmlilhom iddeni ŭisk.—Fl'aħħar nett, il camra ghandha tcun bghid mil chcina u mil lochi, biex tcun bla rŭejjaħ ħżiena: u, meta ma hemmx it-tarbija riekda, ghandha tinżamm miftuħa biex titħol l' arja tajjba u toħroġ l' arja ħażina.

Jidhirli li ghedt biż-żejjed fuk it-trabi, u minn dana li ghedt jidher biċ-ċar illi ittrabi ghandhom jitrabbeŭ bil ħalib tal omm, jeŭ bil ħalib ta mara oħra li tcun b'saħħitha,jeŭ b'tal animali moghti fil flixcun maghmul bħal fregatina. Il lbies ghandu icun tat-tajjar jeŭ tas-suf, imfassal ŭasa, biex gisem it-tarbija jista' jitħarrec seŭŭa, ir-ras ghandha tinżamm frisca u ir-riġlejn sħan.—L'indafa tal gisem collu ghandha issir cull jum—l'arja tajjba tinħtieġ daks l'ichel, u ghalhecc tant ġeŭŭa id-dar chemm barra it-trabi u it-tfal ghandhom icollhom dejjem arja tajjba. Ir-rkad ghandu icun biż-żejed u f'camra fil qŭiet;fl'aħħar nett, illi collox ghandu jintaghmel bil ħin u hecc tatuhom draŭŭa tajjba u iżżommuhom f'saħħithom.

Darb'oħra, nitchellmu fuk IT-TFAL.

PROF. L. MANCHE.'

## Risposta.

Nirrispondu lil min staksiena fuk il *veli* li bihom jintaghtteŭ li statŭi u 'l qŭadri fl'aħħar gimghatejn tar-Randan bil cliem

